

**DIKJARAZZJONI UNILATERALI MIR-RENJU UNIT FIL-KUMITAT KONĠUNT STABBILIT MILL-FTEHIM DWAR IL-ĦRUĠ TAR-RENJU UNIT TAL-GRAN BRITTANJA U L-IRLANDA TA' FUQ MILL-UNJONI EWROPEA U MILL-KOMUNITÀ EWROPEA TAL-ENERĠIJA ATOMIKA**

**tal-24 ta' Marzu 2023**

**dwar il-proċeduri tal-esportazzjoni għall-merkanzija ttrasportata mill-Irlanda ta' Fuq lejn partijiet oħra tar-Renju Unit**

Ir-Renju Unit jinnota l-post tal-Irlanda ta' Fuq fit-territorju doganali tar-Renju Unit, il-ħtieġa li jiġi protett il-Ftehim tal-Ġimgħa l-Kbira jew ta' Belfast tal-10 ta' April 1998 fid-dimensjonijiet kollha tiegħu, u l-impenn tiegħu għal aċċess bla xkiel għan-negozji tal-Irlanda ta' Fuq għas-suq kollu tar-Renju Unit.

Fir-rigward tal-merkanzija kollha ttrasportata mill-Irlanda ta' Fuq lejn partijiet oħra tas-suq intern tar-Renju Unit, ir-Renju Unit jikkonferma li l-proċeduri tal-esportazzjoni skont ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(1)</sup> ser japplikaw biss meta l-merkanzija:

1. titqiegħed taħt proċedura elenkata fl-Artikolu 210 ta' dak ir-Regolament,
2. tkun f'ħażna temporanja skont l-Artikolu 144 ta' dak ir-Regolament,
3. tkun soġġetta għal dispożizzjonijiet tal-liġi tal-Unjoni li jaqgħu taħt it-tieni sentenza tal-Artikolu 6(1) tal-Qafas ta' Windsor <sup>(2)</sup> li jipprojbixxu jew jirrestrinġu l-esportazzjoni tal-merkanzija,
4. titqiegħed taħt il-proċedura ta' esportazzjoni fl-Unjoni f'konformità mat-Titolu V u t-Titolu VIII ta' dak ir-Regolament, jew
5. ma taqbiżx il-valur ta' EUR 3 000 u tiġi ppakkjata jew mgħobbija għal vjeġġ għall-esportazzjoni fl-Unjoni, f'konformità mal-Artikolu 221 tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/2447 <sup>(3)</sup>.

Ir-Renju Unit ifakkar fl-impenn tiegħu li jiżgura l-protezzjoni sħiħa skont ir-rekwiżiti u l-impenni internazzjonali li huma rilevanti għall-projbizzjonijiet u r-restrizzjonijiet fuq l-esportazzjoni ta' merkanzija mill-Unjoni lejn pajjiżi terzi kif stabbilit fil-liġi tal-Unjoni.

Ir-Renju Unit jikkonferma li ser jipprovdi lill-Unjoni informazzjoni sinifikanti fir-rigward ta' merkanzija soġġetta għal projbizzjonijiet u restrizzjonijiet li tiġi ttrasportata mill-Irlanda ta' Fuq lejn partijiet oħra tar-Renju Unit fir-rigward tal-esportazzjonijiet, it-trasferiment, is-senserija u t-tranżitu ta' oġġetti b'użu doppju, l-esportazzjonijiet ta' oġġetti kulturali u l-vjeġġ ta' skart.

Din id-Dikjarazzjoni Unilaterali ser tissostitwixxi d-Dikjarazzjoni Unilaterali mir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq fil-Kumitat Konġunt dwar id-dikjarazzjonijiet tal-esportazzjoni tas-17 ta' Diċembru 2020.

<sup>(1)</sup> ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1.

<sup>(2)</sup> Ara d-Dikjarazzjoni Konġunta Nru 1/2023.

<sup>(3)</sup> ĠU L 343, 29.12.2015, p. 558.